## FOLKLORE

# IN-NAR ĠERA WARAJH

minn Anton F. Attard

**Is-Santwarju tal-Kunċizzjoni fir-raħal tal-Qala ġewwa Għawdex huwa mhux biss knisja antika u devota, imma wkoll maqdes leġġendarju. Huwa minnu li kważi l-knejjes kollha ta' Għawdex għandhom xi leġġenda marbuta magħhom, imma dan it-tempju qadim huwa tabilħaqq misterjuż fil-ġrajjiet tiegħu li donnhom baqgħu jiżdiedu aktar ma jgħaddi ż-żmien.**

L-istejjer misterjużi, ġrajjiet moħbija, li ġraw fiż-żmien aktar qrib lejna, insejħulhom aneddoti. Biż-żmien dawn l-istejjer isiru leġġendi għax ħadd ma jkun irid jemminhom iżjed. Iżda, m'għandniex xi ngħidu, il-leġġendi kollha, strambi kemm huma strambi, fil-qalba tagħhom għandhom mill-verità.

Intant, niġu għall-ġrajja tagħna llum li meta seħħet qanqlet għagħa sħiħa fir-raħal tal-Qala.

Mela darba - m'ilux xi snin kbar - il-knisja tal-Kunċizzjoni tal-Qala kellha bżonn dawra. Ir-rettur qabbad wieħed bajjad biex jieħu ħsieb ix-xogħol. Dan ġab l-armar u l-għodda u beda jaħdem.

Wara ftit jiem, dan ir-raġel kien ħadem biċċa mhux ħażin u ressaq l-armar ħdejn il-lampier tal-Madonna. Dan il-lampier jinżamm dejjem mixgħul bħala att ta' qima lejn Sidtna Marija.

Issa dan il-bajjad kien ipejjep u billi kien qiegħed jaħdem fil-Knisja aktar kienet taqbdu l-leblieba għat-tipjip. Xtaq ipejjep sigarret, iżda sulfarina ma kellux. X'għamel? Ħasibha ftit, meta ma ra lil ħadd, ħareġ sigarret u ipprova jqabbdu mil-lampier tal-Madonna. Tbaxxa, ħa nifs 'il ġewwa u s-sigarett qabad. Iżda, meta l-bajjad mar jerġa' jqum, in-nar baqa' ġej miegħu. Dak, kif sab ruħu mdawwar bin-nar, twerwer. Qabeż minn fuq l-armar biex jeħles minnu. Iżda n-nar baqa' jiġri warajh. Meta ra hekk, ir-raġel kien se jiġġennen u, għalhekk, irħielha b'kemm kellu saħħa għall-bieb ta' barra bin-nar jiġri warajh, u ma ħelisx minnu ħlief meta kien tbiegħed sewwa mit-tempju. L-istorja tgħid li dak ir-raġel ma nħaraqx, iżda twerwer. B'mod jew ieħor in-nies tal-Qala saru jafu b'din il-ġrajja. Il-poplu xegħel u qamet għagħa fir-raħal kollu. Kulħadd kien imwerwer minn dak ir-raġel u ħafna beżgħu jersqu lejn is-Santwarju.

Ġara x'ġara, dak ir-raġel kien żbalja sewwa għaliex meta mar ipejjep fil-knisja huwa wera nuqqas ta' qima. Terġa', in-nar tal-Madonna jinxtegħel bħala devozzjoni. Il-Għawdxin jemmnu li dak li jiġi offrut lil Alla, lill-Madonna u lill-qaddisin m'għandu b'ebda mod jittieħed lura jew jintuża għal skopijiet profani. U kien appuntu dan li għamel dak ir-raġel meta qabbad is-sigarret min-nar tal-Madonna. Bħala kastig in-nar ġera warajh.





GRAFFIT . BASTIMENT TAL-ORDNI